26 Novembru, 2018

Ghaziz Sur Scicluna

Grazzi tal-ittra tieghek annessa mal-email tas-26 ta' Novembru 2018 ftit qabel is-sitta ta' fil-ghaxija. Niskuza ruhhi illi b'xi mod inqast billi indirizzajt lill-Onor. Speaker direttament, noqghod attent fil-futur biex ma nidnibx b'dan il-mod.

Ghal dak li jirrigwarda s-sustanza tal-ittra tieghek, nassigurak illi fhimt is-sitwazzjoni b'mod preciz u li ma ghandi ebda raguni biex ma nkunx irrid nifhem: qed nghid dan fid-dawl tal-kumment kemm xejn patronizzanti f'dan ir-rigward li hemm fl-ittra tieghek.

B'kull dovut rispett infakkar lis-Sedja fis-sentenza Demicoli v Malta, fejn il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod unanimu, kienet ikkundannat l-agir tal-Parlament meta gie mressaq quddiem il-Kamra s-Sur Demicoli, peress illi l-Kamra kienet ser tagixxi bhala gudikant fil-kaz ta' ilment taghha stess.

Is-sitwazzjoni odjerna hi simili: l-Onor. Bedingfield ghamel ilment u l-Onor. Speaker tah rimedju minghajr ma ta lill-klijenti tieghi d-dritt li jghidu taghhom. Dan, fl-umli fehma tal-klijenti tieghi, jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet taghhom u ghalhekk hi konsegwenza ovvja illi ma jistghux hlief iqisu r-'ruling' de quo bhala minghajr effett fil-konfront taghhom.

Ipotetikament, kieku kienu gew rinfaccjati bl-ilment 'a tempo vergine', forsi anke b'dak li jiddistingwi l-'Kaz Bedingfield' mill-'Kaz Demicoli' (jekk hemm x'jiddistingwihom fil-verita') il-klijenti tieghi kienu jkunu jistghu jiehdu pozizzjoni differenti.

Pero' dak li sar issa sar u l-arlogg ma jistax jitregga' lura, u ghalhekk mhuwiex rejalistiku li xi hadd jippretendi li l-klijenti tieghi ser ikollhom smiegh xieraq fis-sens rikjest mis-saltna tad-dritt jekk il-kaz jitkompla.

Minghajr pregudizzju, il-klijenti tieghi jhossu illi l-pubblicita' li nghatat lil din il-kwistjoni sservi biex l-ilment tal-Onor. Bedingfield jigi ndirizzat u nissottometti illi jkun aktar prattiku illi dan il-kaz jinghalaq hawn.

Il-pubbliku issa hu konxju mill-fatti kollha rilevanti, anke b'rizultat tal-fatt illi s-sostanza tar-'ruling' gie ppubblikat mill-klijenti tieghi stess. Ma jistax hlief jinghad, f'dawn ic-circostanzi, illi dak ilmentat fil-konfront taghhom mill-Onor. Bedingfield gie espost fl-intier effettiv tieghu u dan anke a skapitu tal-klijenti tieghi.

Andrew Borg-Cardona Ll.D., M.A. (Business Law)
BCGL Advocates